

Brussell, 13 ta' Mejju 2022
(OR. en)

9076/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0154(CNS)

FISC 112
ECOFIN 428
IA 72

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	12 ta' Mejju 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 216 final
Suġġett:	Proposta għal DIRETTIVA TAL-KUNSILL dwar l-istabbiliment ta' regoli dwar remissjoni li tnaqqas il-predispożizzjoni favur id-dejn, u dwar il-limitazzjoni tad-deduċibbiltà tal-imgħax għal finijiet ta' taxxa korporattiva

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 216 final.

Mehmuż: COM(2022) 216 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.5.2022
COM(2022) 216 final

2022/0154 (CNS)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-KUNSILL

dwar l-istabbiliment ta' regoli dwar remissjoni li tnaqqas il-predispożizzjoni favur id-dejn, u dwar il-limitazzjoni tad-deduċibbiltà tal-imgħax għal finijiet ta' taxxa korporattiva

{SEC(2022) 204 final} - {SWD(2022) 144 final} - {SWD(2022) 145 final} -
{SWD(2022) 146 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Fit-18 ta' Mejju 2021, il-Kummissjoni Ewropea adottat Komunikazzjoni dwar it-Tassazzjoni tal-Intrapriżi għas-seklu 21¹ biex tippromwovi sistema tat-taxxa fuq l-intrapriżi robusta, effiċjenti u ġusta fl-UE. Din tistabbilixxi viżjoni kemm għal terminu twil kif ukoll għal terminu qasir biex jiġi appoġġat l-irkupru tal-Ewropa mill-pandemija tal-COVID-19 u jiġi żgurat dħul pubbliku adegwat matul is-snin li ġejjin. Bl-istess mod, il-Pjan ta' Azzjoni tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali (CMU) tal-UE² għandu l-għan li jgħin lill-kumpaniji jżidu l-kapital li jeħtieġu u jtejbu l-pożizzjoni tal-ekwità tagħhom, speċjalment matul perjodu ta' rkupru li jimplika defiċits u livelli ta' dejn oġhla, kif ukoll ħtieġa akbar ta' investment fl-ekwità. B'mod partikolari, l-Azzjoni 4 tas-CMU³ tinċentiva lill-investituri istituzzjonali biex jagħmlu investimenti għal terminu twil u b'hekk, tappoġġa r-riekwitizzazzjoni fis-settur korporattiv, bil-ħsieb li titrawwem it-tranżizzjoni sostenibbli u diġitali tal-ekonomija tal-UE. Inizjattiva fil-livell tal-UE biex tiġi indirizzata l-predispożizzjoni favur id-dejn tikkomplementa l-Azzjoni 4 msemmija hawn fuq, bl-għan li jinholq ambjent tan-negozju ekwu u stabbli, li jista' jagħti spinta lil tkabbir sostenibbli u li joħloq l-impjiegi fl-Unjoni.

Is-sistemi tat-taxxa fl-UE jippermettu t-tnaqqis tal-pagamenti tal-imgħax fuq id-dejn meta tiġi kalkolata l-bażi għat-taxxa għal finijiet ta' taxxa korporattiva, filwaqt li l-kostijiet relatati mal-finanzjament mill-ekwità, bħad-dividendi, huma fil-biċċa l-kbira mhux taxxabli. Din l-assimetrija fit-trattament tat-taxxa hija wieħed mill-fatturi li jiffavorixxu l-użu tad-dejn fuq l-ekwità għall-investimenti ta' finanzjament. Bħalissa, sitt Stati Membri biss jindirizzaw il-predispożizzjoni favur id-dejn minn perspettiva tat-taxxa u l-miżuri nazzjonali rilevanti jvarjaw konsiderevolment. Sakemm il-predispożizzjoni favur id-dejn ikkawżata mit-taxxa ma tiġix indirizzata effettivament fis-suq uniku kollu, in-negozju tal-UE se jkompli jkollu inċentivi insuffiċjenti favur il-finanzjament mill-ekwità minflok il-finanzjament b'dejn, u l-kunsiderazzjonijiet rilevanti tal-ippjanar tat-taxxa se jkomplu jfixklu d-distribuzzjoni tal-investment u t-tkabbir.

Bil-ħsieb li tiġi indirizzata l-predispożizzjoni favur id-dejn ikkawżata mit-taxxa fis-suq uniku b'mod koordinat, din id-direttiva tistabbilixxi regoli li jipprevedu, taħt ċerti kundizzjonijiet, deduċibbiltà għal finijiet ta' taxxa ta' interess nozzjonali fuq iż-żidiet fl-ekwità u biex jillimitaw id-deduċibbiltà tat-taxxa għall-kostijiet eċċessivi tat-teħid tas-self. Dan japplika għall-kontribwenti kollha li huma soġġetti għal taxxa korporattiva fi Stat Membru wieħed jew aktar, ħlief għall-impriżi finanzjarji. Peress li l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) normalment jiffaċċjaw piż oġhla biex jiksbu finanzjament, huwa propost li tingħata rata tal-imgħax nozzjonali oġhla lill-SMEs.

Din il-proposta twieġeb ukoll għall-aspettattiva tal-Parlament Ewropew li l-Kummissjoni tressaq proposta għal remissjoni għat-tnaqqis tal-predispożizzjoni favur id-dejn, inklużi

¹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, It-Tassazzjoni tal-Intrapriżi għas-Seklu 21, COM(2021) 251 final.

² Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Unjoni tas-Swieq Kapitali għall-persuni u n-negozji - pjan ta' azzjoni ġdid, COM/2020/590 final.

³ [Azzjoni 4 - L-inkoraġġiment ta' finanzjament aktar fit-tul u mill-ekwità minn investituri istituzzjonali | Il-Kummissjoni Ewropea \(europa.eu\)](https://ec.europa.eu/economy_finance/press-releases/2020/11/18_en)

dispożizzjonijiet effettivi kontra l-evitar biex jiġi evitat li kwalunkwe remissjoni fuq l-ekwità tintuża bħala għodda għda għall-erożjoni tal-bażi tat-taxxa⁴.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti u possibbli futuri fil-qasam ta' politika**

Din id-Direttiva hija parti mill-istrateġija tal-UE dwar it-tassazzjoni tal-intrapriżi, li għandha l-għan li tiżgura sistema tat-taxxa ġusta u effiċjenti madwar l-UE.

Fl-2016, ġiet adottata d-direttiva kontra l-evitar tat-taxxa (ATAD)⁵, biex jiġi żgurat ambjent tat-taxxa aktar ġust permezz tal-implimentazzjoni koordinata fl-Istati Membri ta' miżuri ewlenin kontra l-evitar tat-taxxa, li fil-biċċa l-kbira rriżultaw mill-azzjonijiet internazzjonali tal-proġett tal-Erożjoni tal-Bażi tat-Taxxa u Trasferiment tal-Profitti (BEPS). Filwaqt li l-ġlieda kontra l-evitar tat-taxxa ma hijiex l-iskop predominanti tagħha, din il-proposta tinkludi wkoll regola dwar il-limitazzjoni tal-imgħax. Fid-dawl tal-oġġettivi differenti bejn din il-proposta u r-regola ATAD dwar il-limitazzjoni tal-imgħax, iż-żewġ regoli dwar il-limitazzjoni tad-deduċibbiltà tal-imgħax għandhom japplikaw parallelment.

Madankollu, l-istrumenti tat-taxxa eżistenti fil-livell tal-UE ma fihomx miżuri biex tiġi indirizzata l-predispożizzjoni favur id-dejn fis-suq uniku billi jiġi bilanċjat it-trattament tat-taxxa tad-dejn u tal-ekwità madwar l-UE.

Din id-Direttiva ssegwi l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-Tassazzjoni tal-Intrapriżi għas-seklu 21 għal sistema tat-taxxa tal-intrapriżi robusta, effiċjenti u ġusta fl-UE u tirrifletti waħda mill-inizjattivi ta' politika previsti f'tali Komunikazzjoni. Bħala tali, din tikkomplementa għadd ta' inizjattivi ta' politika oħra promossi mill-Kummissjoni parallelament, għat-terminu qasir u dak twil.

L-inizjattivi ta' politika msemmija hawn fuq jinkludu proposta għall-Intrapriżi fl-Ewropa: Qafas għat-Tassazzjoni tal-Introjt (BEFIT), bħala ġabra unika ta' regoli dwar it-taxxa korporattiva għall-UE, ibbażata fuq il-karatteristiċi ewlenin li jkun hemm bażi komuni għat-taxxa u li l-profitti jiġu allokatati bejn l-Istati Membri permezz ta' metodi li jinkludu formula (ripartizzjoni formularja). Filwaqt li l-proposta tal-BEFIT għadha fi stadju bikri tal-iżvilupp, iż-żewġ inizjattivi jikkontribwixxu għall-istess viżjoni ta' ambjent tan-negozju ġust, effettiv u sostenibbli fl-UE.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din il-proposta tikkontribwixxi għall-Unjoni tas-Swieq Kapitali. B'mod partikolari, l-oġġettivi ewlenin tas-CMU huma li l-finanzjament isir aktar aċċessibbli għan-negozju tal-UE u li tiġi promossa l-integrazzjoni tas-swieq kapitali nazzjonali f'suq uniku ġenwin. Bit-tneħħija tal-predispożizzjoni favur id-dejn ikkawżata mit-taxxa, din il-proposta għandha l-għan li tevita d-dipendenza żejda fuq id-dejn u li tħeġġeġ ir-riekwitizzazzjoni tan-negozji. B'riżultat ta' dan, il-kumpaniji se jkunu f'pożizzjoni aħjar biex jinvestu għall-futur, li se jappoġġa t-tkabbir u l-innovazzjoni, u l-kompetittività tal-ekonomija tal-UE. Dan se jżid ukoll ir-reżiljenza tagħhom għal bidliet mhux previsti fl-ambjent tan-negozju u jnaqqas ir-riskju ta' insolvenza, biex b'hekk jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-istabbiltà finanzjarja.

⁴ Rapport dwar l-impatt tar-riformi fiskali nazzjonali fuq l-ekonomija tal-UE, (2021/2074(INI)) https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/A-9-2021-0348_MT.html

⁵ Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/1164 tat-12 ta' Lulju 2016 li tistabbilixxi regoli kontra l-prattiki ta' evitar tat-taxxa li jaffettwaw direttament il-funzjonament tas-suq intern (ĠU L 193, 19.7.2016, p. 1).

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

Il-leġislazzjoni dwar it-taxxa diretta taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 115 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE (TFUE). Il-klawżola tistipula li l-miżuri legali tal-approssimazzjoni skont dak l-artikolu għandhom jingħataw il-forma ġuridika ta' Direttiva.

• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Din il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. In-natura tas-suġġett tirrikjedi inizjattiva komuni fis-suq intern.

Ir-regoli ta' din id-Direttiva għandhom l-għan li jindirizzaw il-predispożizzjoni favur id-dejn fis-settur korporattiv tal-UE minn perspettiva tat-taxxa, u jipprovdu qafas komuni li għandu jiġi implimentat fil-liġijiet nazzjonali tal-Istati Membri b'mod koordinat. Dawn l-għanijiet ma jistgħux jintlaħqu b'mod sodisfaċenti permezz ta' azzjoni meħuda minn kull Stat Membru filwaqt li jaġixxi waħdu.

Il-predispożizzjoni fiskali favur id-dejn tirriżulta mit-trattament differenti tal-kostijiet tal-finanzjament tad-dejn u tal-ekwità għal finijiet tat-taxxa u hija problema komuni għan-negozju madwar l-Istati Membri tal-UE. Minkejja dan, sitt Stati Membri biss hađu miżuri tat-taxxa biex japprossimaw it-trattament tat-taxxa tad-dejn u l-ekwità. Għalkemm hemm liġi mhux vinkolanti⁶ għal dan it-tip ta' inċentiv tat-taxxa mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi), il-miżuri nazzjonali rilevanti tas-sitt Stati Membri jvarjaw f'termini ta' elementi ta' disinn u regoli kontra l-evitar tat-taxxa, speċjalment minħabba ċ-ċirkostanzi differenti u l-għanijiet ta' politika differenti segwiti f'kull Stat Membru.

In-nuqqas assolut ta' miżuri rilevanti ta' mitigazzjoni tal-predispożizzjoni favur id-dejn ikkawżata mit-taxxa f'21 Stat Membru, flimkien mal-eżistenza ta' miżuri differenti konsiderevolment f'sitt Stati Membri oħra, jista' joħloq distorsjonijiet għall-funzjoni tas-suq intern, u jista' jaffettwa l-post tal-investment konsiderevolment.

Barra minn hekk, inizjattiva tal-UE żżid il-valur, meta mqabbla ma' dak li jistgħu jiksbu numru sostanzjali ta' azzjonijiet meħuda fil-livell nazzjonali. Regola unika għall-UE se tiżgura ċertezza legali u se tippermetti t-tnaqqis tal-kostijiet ta' konformità għan-negozju, peress li l-kontribwenti se jkollhom jikkonformaw ma' regola unika għall-operazzjonijiet kollha tagħhom fis-suq uniku. Regola madwar l-UE kollha hija mistennija wkoll li tagħti spinta lill-kompetizzjoni fis-suq uniku billi tiżgura li n-negozji kollha, irrispettivament minn fejn ikunu jinsabu, ikollhom inċentivi simili lejn finanzjament xieraq.

Għalhekk, hija meħtieġa inizjattiva madwar l-UE kollha fl-għamla ta' proposta leġislattiva vinkolanti biex tiġi indirizzata b'mod koordinat u effettiv problema li hija komuni madwar l-UE. Inizjattiva tal-UE tipprevjeni lakuni potenzjali bejn inizjattivi nazzjonali diverġenti u tiżgura li l-post tan-negozju u tal-investment ma jkunux affettwati negattivament.

• Proporzjonalità

Il-miżuri previsti ma jmorrux lil hinn milli jiżguraw il-livell minimu meħtieġ ta' protezzjoni għas-suq intern. Id-Direttiva tistabilixxi regoli li jipprevedu, madwar l-UE u għall-kontribwenti kollha tal-UE, id-deduċibbiltà ta' remissjoni fuq il-kostijiet tal-finanzjament tal-ekwità komplementata minn regola li tillimita d-deduċibbiltà tal-imgħax fuq l-istrumenti ta' finanzjament b'dejn. Id-Direttiva tiżgura wkoll is-sostenibbiltà tal-miżuri għall-baġits tal-

⁶ WK 11093/2019 REV 1

Istati Membri bis-saħħa ta' regola ġenerali li tillimita d-deduccibbiltà tal-kostijiet ta' finanzjament mill-bażi taxxabli tal-kontribwenti. Billi tistabbilixxi qafas komuni għall-UE kollha, id-Direttiva tippermetti ċertezza legali fis-suq uniku kollu u t-tnaqqis tal-kostijiet ta' konformità għall-kontribwenti.

B'hekk, id-Direttiva tiżgura biss il-livell essenzjali ta' koordinazzjoni fl-Unjoni bl-għan li jimmaterjalizzaw il-miri tagħha. Fid-dawl ta' dan, il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu l-oġettivi tagħha u għalhekk hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità.

- **Għażla tal-istrument**

Il-proposta hija għal Direttiva, li hija l-uniku strument disponibbli skont il-bażi legali tal-Artikolu 115 tat-TFUE.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET KONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Ma hemm l-ebda leġiżlazzjoni tal-UE li tindirizza l-predispożizzjoni favur id-dejn. Għalhekk, l-evalwazzjoni ma hijiex rilevanti.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet konċernati**

Fl-1 ta' Lulju 2021, it-TAXUD nieda konsultazzjoni pubblika dwar inizzjattiva potenzjali biex tiġi indirizzata l-predispożizzjoni favur id-dejn. Din kien fiha varjetà ta' mistoqsijiet li kellhom l-għan, fost l-oħrajn, li jiddelinjaw il-problema u l-fatturi ewlenin tagħha, u jidentifikaw l-għamla xierqa ta' azzjoni tal-UE u l-karatteristiċi ewlenin ta' miżura possibbli. Il-konsultazzjoni għalqet fis-7 ta' Ottubru 2021 b'total ta' 67 tweġiba.

Ir-rispondenti kienu 37 assoċjazzjoni tan-negozju, li prinċipalment jirrappreżentaw organizzazzjonijiet finanzjarji ta' kull daqs (inklużi l-SMEs), 12-il kumpanija/organizzazzjoni tan-negozju (l-aktar organizzazzjonijiet ta' kontabilisti tat-taxxa u dawk finanzjarji), 3 istituzzjonijiet akkademiċi u ta' riċerka, 8 NGOs jew oħrajn (l-aktar kamra tal-kummerċ, boroż) u 7 ċittadini individwali. Il-biċċa l-kbira tar-rispondenti ġew mill-Belġju (14/67), mill-Ġermanja (14/67) jew minn Franza (12/67).

L-NGOs u l-akkademiċi huma tal-fehma li r-raġuni prinċipali għalfejn il-kumpaniji jużaw id-dejn hija biex inaqqsu r-responsabbiltà tat-taxxa tagħhom u jevitaw id-dilwizzjoni tal-azzjonisti tagħhom, filwaqt li l-assoċjazzjonijiet tan-negozju u l-kumpaniji jqisu li din hija l-ħtieġa biex jinstabu mezzi ta' finanzjament.

Il-maġġoranza tar-rispondenti, fosthom 100 % tal-akkademiċi, 86 % taċ-ċittadini, 50 % tal-korporazzjonijiet u 42 % tal-assoċjazzjonijiet tan-negozju, huma tal-fehma li inizzjattiva tal-UE biex tindirizza l-predispożizzjoni favur id-dejn ikkawżata mit-taxxa tkun għodda utli biex tappoġġa l-irkupru tal-kumpaniji mill-kriżi tal-COVID-19 u tinċentiva l-investment permezz tal-ekwità fit-tranżizzjoni lejn ekonomija diġitali aktar ekoloġika, mingħajr ma jinħolqu distorsjonijiet fis-suq uniku. Il-kumpaniji, l-NGOs u l-akkademiċi jaħsbu b'mod qawwi li d-ditti għandhom jiġu mħeġġa, fost l-oħrajn minn perspettiva tat-taxxa, biex jużaw aktar ekwità u inqas dejn.

L-assoċjazzjonijiet tan-negozju, il-kumpaniji u l-akkademiċi jaqblu b'mod ċar li inizzjattiva bħal din se tnaqqas il-lok għal prattiki dwar it-taxxa dannużi fis-suq uniku. Konsiderevolment,

il-maġġoranza tar-rispondenti, fosthom 71 % tal-korporazzjonijiet, 66 % tal-akkademiċi, 43 % taċ-ċittadini u 28 % tal-assoċjazzjonijiet tan-negozju, jaħsbu li inizjattiva tal-UE tkun ta' benefiċċju għall-intrapriżi li joperaw fis-suq uniku kollu.

Fir-rigward tal-opzjonijiet differenti, il-maġġoranza tar-rispondenti għandhom opinjoni negattiva ħafna dwar l-opzjoni li jitneħħa kompletament id-deduċibbiltà fuq l-imgħax, fosthom 75 % tal-korporazzjonijiet, 72 % tal-assoċjazzjonijiet tan-negozju, 71 % taċ-ċittadini u 66 % tal-akkademiċi jaħsbu li hija l-inqas opzjoni adatta, u maġġoranza għandha opinjoni pjuttost negattiva dwar l-opzjoni għal remissjoni fuq il-kapital finanzjarju korporattiv li jissostitwixxi d-deduzzjoni tat-taxxa fuq l-imgħax. Din tqieset bħala l-aħjar opzjoni minn 16 % tal-korporazzjonijiet, 14 % taċ-ċittadini, 5 % tal-assoċjazzjonijiet tan-negozju u l-ebda akkademiku. Għall-kuntrarju, il-maġġoranza tar-rispondenti huma favur ta' remissjoni li tipprevedi d-deduċibbiltà ta' mgħax nozzjonali fuq ekwità ġdida (filwaqt li tinżamm id-deduċibbiltà eżistenti fuq l-imgħax). Din tidher li hija l-aħjar opzjoni għal 66 % tal-akkademiċi, 28 % tal-assoċjazzjonijiet tan-negozju, 25 % tal-korporazzjonijiet u 14 % taċ-ċittadini. L-assoċjazzjonijiet tan-negozju u l-kumpaniji huma saħansitra aktar favur l-opzjoni li jkun hemm remissjoni fuq l-istokk ta' ekwità, filwaqt li l-NGOs u l-akkademiċi huma inqas favur din l-opzjoni.

Fl-aħħar nett, il-maġġoranza tar-rispondenti għal dan il-punt jaqblu ħafna li l-inizjattiva għandha tkun tinkludi regoli robusti biex jiġu evitati Prattiki ta' pjanar aggressiv tat-taxxa, fosthom 71 % taċ-ċittadini, 66 % tal-akkademiċi, 42 % tal-assoċjazzjonijiet tan-negozju u 33 % tal-korporazzjonijiet.

Fit-tfassil tal-proposta tagħha, il-Kummissjoni qieset ir-risultati tal-konsultazzjoni. B'mod partikolari, fost id-diversi opzjonijiet ta' politika, il-Kummissjoni ddeċidiet li tipproċedi bi proposta biex tingħata remissjoni għal ekwità ġdida biss, u mhux biex tiġi kkunsidrata t-tneħħija tad-deduċibbiltà kollu tad-dejn. Barra minn hekk, id-direttiva tipprovdi qafas robust kontra l-abbuż, peress li l-ħtieġa ġiet enfasizzata mir-rispondenti.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tapprezza li l-protezzjoni tad-dħul taxxabbli tal-Istati Membri hija essenzjali biex tiġi żgurata ekonomija sostenibbli u jiġu ssalvagwardjati l-finanzi pubbliċi matul il-perjodu ta' rkupru attwali ta' wara l-pandemija. Konsegwentement, il-Kummissjoni tipproponi li tiġi mitigata l-predispożizzjoni favur id-dejn permezz ta' miżuri li jindirizzaw kemm il-lat tal-ekwità kif ukoll il-lat tad-dejn, li jikkombinaw remissjoni għal ekwità ġdida b'limitazzjoni għad-deduċibbiltà tal-kostijiet tad-dejn.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Fl-identifikazzjoni ta' miżuri xierqa biex tiġi indirizzata l-predispożizzjoni favur id-dejn, il-Kummissjoni siltet mill-għarfien espert rilevanti tal-Istati Membri li diġà stabbilew miżuri simili (il-Belġju, il-Portugall, il-Polonja, Ċipru, Malta u l-Italja). Il-Kummissjoni wettqet skambji ma' xi wħud mill-amministrazzjonijiet tat-taxxa rilevanti dwar il-qafas kontra l-abbuż u biex tifhem aħjar l-impatt f'termini ta' kostijiet u benefiċċji tad-diversi miżuri.

Il-Kummissjoni ltaqgħet mal-awtoritajiet/l-aġenziji pubbliċi nazzjonali, mal-assoċjazzjonijiet tan-negozju u mal-gruppi tas-soċjetà ċivili li jipparteċipaw fil-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni "Pjattaforma għall-Governanza Tajba tat-Taxxa, l-Ippjanar Aggressiv tat-Taxxa u t-Tassazzjoni Doppja". Il-Kummissjoni kellha wkoll skambji mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE).

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Twettqet valutazzjoni tal-impatt bi tnejn għal din l-inizjattiva.

Fis-17 ta' Marzu 2022, il-Bord tal-Iskrutinju Regulatorju (RSB) ħareġ opinjoni pożittiva b'riżervi dwar il-valutazzjoni tal-impatt preżentata fir-rigward ta' din il-proposta, inklużi diversi suġġerimenti għal titjib.⁷ Ir-rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt (IA) reġa' ġie rivedut skont dawn il-linji, kif spjegat hawn taħt. L-IA jeżamina ħames opzjonijiet ta' politika għajr ix-xenarju bażi, jgifieri l-ebda azzjoni.

L-Opzjoni 1 tintroduċi remissjoni fuq l-istokk tal-ekwita korporattiva indefinitivament, filwaqt li l-Opzjoni 2 ukoll tintroduċi remissjoni iżda għal ekwita ġdida biss u għal għaxar snin.

L-Opzjoni 3 tipprevedi remissjoni fuq il-kapital korporattiv (jgifieri l-ekwita u d-dejn) filwaqt li ma tippermettix id-deducibbilta attwali tal-pagamenti tal-imgħax u l-Opzjoni 4 telimina kompletament id-deducibbilta tal-ispejjeż tal-imgħax. L-Opzjoni 5 tikkombina remissjoni għall-imgħax nozzjonali fuq ekwita korporattiva ġdida (l-istess kif propost taħt l-Opzjoni 2) għal għaxar snin b'limitazzjoni parzjali tad-deducibbilta tat-taxxa għall-kumpaniji kollha.

Żieda fir-rata għall-SMEs⁸ tiġi applikata fil-każijiet kollha deskritti taħt l-opzjonijiet ta' politika 1, 2, 3 u 5.

L-Opzjonijiet varji tqabblu mal-kriterji li għejjin: a) Li s-sistema tat-taxxa tkun newtrali għal deċiżjonijiet ta' finanzjament, b) It-tisħiħ tal-ġustizzja tas-sistema tat-taxxa, c) It-tnaqqis tad-distorsjonijiet fis-suq uniku u d) L-istimular tat-tkabbir u l-investment fl-UE. It-tqabbil żvela li l-Opzjonijiet 1, 2, 3 u 4 jistgħu jkunu effettivi sa ċertu punt, biex jintlaħqu xi wħud mill-objettivi ta' din l-inizjattiva. Madankollu, l-Opzjoni 5 hija l-opzjoni preferuta, minħabba li tindirizza b'suċċess il-predispożizzjoni favur id-dejn, filwaqt li tibbilanca l-impatti baġitarji u tindirizza l-aspetti tal-ġustizzja tas-sistema tat-taxxa. Huwa mistenni li jkollha impatt pożittiv fuq l-investment u l-PDG, u impatti moderati fuq l-impjegi.

Impatti ekonomiċi

Għall-valutazzjoni tal-impatti ekonomiċi, l-immudellar sar miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea bbażat fuq il-mudell CORTAX.

Benefiċċji

L-opzjoni preferuta (l-Opzjoni 5) hija mistennija li jkollha impatt ekonomiku pożittiv. Bħala benefiċċju dirett prinċipali, hija se tiffavorixxi proporzjonijiet ta' ekwita ogħla u b'hekk tnaqqas ir-riskji ta' insolvenza. Billi żżid l-investimenti fl-ekwita madwar l-UE, din l-opzjoni hija mistennija li tippromwovi indirettament l-iżvilupp tat-teknoloġija innovattiva. L-ekwita hija partikolarment importanti fl-istadji bikrija tal-kumpaniji innovattivi li qed jikbru malajr u għall-kumpaniji li qed jespandu li jixtiequ jikkompetu fuq livell globali. It-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali tirrikjedi investimenti ġodda u innovattivi li se jibbenefikaw mill-miżura. Billi jibbenefikaw minn rata tal-imgħax nozzjonali ogħla, l-SMEs se jkollhom aċċess akbar għas-suq tal-ekwita. Huma mistennija effetti pożittivi fuq il-kompetittivita, l-innovazzjoni, it-tkabbir u l-impjegi fl-UE. Hija se tindirizza wkoll il-frammentazzjoni tas-suq uniku billi

⁷ [Jekk jogħġbok daħħal il-links għall-iskeda sommarja u l-opinjoni pożittiva tal-RSB wara l-pubblikazzjoni tagħhom.]

⁸ L-SMEs jiġu ddefiniti skont l-Artikolu 3 tad-Direttiva dwar il-Kontabilita 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013. Barra minn hekk, ikun meħtieġ li biex kumpanija titqies bħala SME, din jeħtiġilha ma tkunx parti minn grupp ta' negozji li, fil-livell konsolidat, jaqbeż mill-inqas tnejn mit-tliet limiti tal-Artikolu 3 skont id-Direttiva dwar il-Kontabilita (L-għadd medju ta' 250 impjegat fis-sena fiskali; fatturat nett ta' EUR 40 miljun; total tal-karta tal-bilanċ ta' EUR 20 miljun).

telimina trattamenti differenti taħt remissjoni nazzjonali differenti għal miżuri ta' ekwita u billi tipprovdi l-istess regoli amministrattivi fl-Istati Membri kollha tal-UE. Fl-aħħar nett, hija se tipprovdi miżuri uniformi u effettivi kontra l-ippjanar aggressiv tat-taxxa fl-UE.

Kostijiet

Il-kostijiet relatati mal-opzjoni li saret huma essenzjalment żieda fil-kostijiet tal-konformita għan-negozji u l-amministrazzjonijiet tat-taxxa. Il-kostijiet tal-konformita mar-regoli tat-taxxa għan-negozju huma mistennija jżiedu b'mod limitat. Kumplessivament, il-kostijiet għandhom ikunu relattivament limitati minħabba li d-*data* addizzjonali li għandha tiġi rapportata biex wieħed jibbenefika mir-remissjoni għandha tkun relattivament sempliċi biex tiġi provduta. Għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa, il-kostijiet huma wkoll mistennija jżiedu modestament. Din il-proposta ma żżidx konsiderevolment il-piż tal-konformita għad-ditti jew għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa.

Il-bidliet prinċipali implimentati

L-RSB ħareġ opinjoni pożittiva b'riżervi dwar l-IA. B'mod partikolari, ġie nnotat li l-IA għandu jenfasizza aħjar kif l-opzjoni preferuta tilħaq l-objettivi bl-aħjar mod. Barra minn hekk, l-RSB innota li l-IA għandu jissaħħa fir-rigward tal-possibilita li jintużaw miżuri mhux regolatorji, u għandu jirrifletti aħjar il-fehmiet tal-partijiet konċernati differenti fl-analiżi prinċipali u fl-annessi. L-Anness I tal-Valutazzjoni tal-Impatt jispjega kif ġew indirizzati l-osservazzjonijiet tal-RSB. Ġew riveduti bosta partijiet tal-IA. L-ewwel nett, l-IA ġie rivedut sabiex jiġi ċċarat li opzjoni mhux regolatorja ma setgħetx tkun effettiva. It-tieni, l-IA ġie estiż sabiex jirrifletti fid-dettall l-iskala tal-effetti antiċipati fuq l-investment fl-ekwita u l-impatt tal-opzjoni preferuta fuq ir-rikavati tat-taxxa f'termini assoluti. L-IA ġie msaħħa ukoll b'analiżi ulterjuri tar-raġunijiet għaliex opzjoni b'azzjoni kemm fuq il-lat tal-ekwita kif ukoll fuq il-lat tad-dejn tqieset bħala adattata għall-iskop. It-tielet, bosta taqsimiet tal-parti prinċipali tal-IA ġew riveduti sabiex jinkludu l-input rilevanti tal-partijiet konċernati, miġbur permezz tal-proċedura ta' konsultazzjoni pubblika miftuħa.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Ara d-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-
evalwazzjoni u r-rapportar**

Din il-proposta, ladarba tiġi adottata bħala Direttiva, għandha tiġi trasposta fid-dritt nazzjonali tal-Istati Membri sal-31 ta' Diċembru 2023 u tidħol fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2024. Għall-fini ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tad-Direttiva, l-Istati Membri se jipprovdu lill-Kummissjoni, fuq bażi annwali, l-informazzjoni rilevanti għal kull sena tat-taxxa, inkluża lista ta' *data* statistika. L-informazzjoni rilevanti hija stabbilita fl-Artikolu 7 tad-Direttiva.

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill kull ħames snin, li għandu jibda jitqies wara [l-1 ta' Jannar 2024]. Ir-riżultati ta' din il-proposta se jiġu inklużi fir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li se jinħareġ sal-[1 ta' Jannar 2029].

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Din il-proposta tapplika għall-kontribwenti kollha li huma soġġetti għal taxxa korporattiva fi Stat Membru wieħed jew aktar, bl-eċċezzjoni ta' impriżi finanzjarji, kif definit fl-Artikolu 3(1).

Din tinkludi żewġ miżuri separati li japplikaw indipendentement: 1) remissjoni fuq l-ekwiżità; u 2) limitazzjoni għat-tnaqqis tal-imgħax. L-impriżi finanzjarji ma humiex fil-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri. Xi impriżi finanzjarji huma soġġetti għal rekwiżiti regolatorji tal-ekwiżità li jipprevjenu s-sottoekwiżizzazzjoni. Barra minn hekk, ħafna x'aktarx li ma jiġux affettwati mit-tnaqqis tal-limitazzjoni tal-imgħax kumpensatorju applikabbli għall-kostijiet tas-self eċċessivi. Fil-fatt, f'każ li l-impriżi finanzjarji jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni, il-piż ekonomiku tal-miżuri ma jkunx distribwit ugwalment għad-detriment ta' impriżi mhux finanzjarji.

- **Remissjoni fuq l-ekwiżità**

Ir-remissjoni fuq l-ekwiżità tiġi kkalkolata billi l-bażi tar-remissjoni tiġi multiplikata bir-rata tal-imgħax nozzjonali rilevanti.

Remissjoni fuq l-ekwiżità = Bażi tar-Remissjoni X Rata tal-Imgħax Nozzjonali (NIR)

Il-bażi tar-remissjoni hija ugwali għad-differenza bejn l-ekwiżità fi tmiem is-sena tat-taxxa u l-ekwiżità fi tmiem is-sena tat-taxxa preċedenti li hija ż-żieda sena wara sena fl-ekwiżità.

Jekk il-bażi tar-remissjoni ta' kontribwent li diġà jkun ibbenefika minn remissjoni fuq l-ekwiżità skont ir-regoli ta' din id-Direttiva, tkun negattiva f'perjodu ta' taxxa partikolari (tnaqqis fl-ekwiżità), ammont proporzjonat se jsir taxxabli għal 10 perjodi tat-taxxa konsekuttivi u sa żieda totali tal-ekwiżità netta li għaliha tkun inkisbet din ir-remissjoni, sakemm il-kontribwent ma jipprovdix evidenza li dan ikun dovut għal telf imġarrab matul il-perjodu ta' taxxa jew minħabba obbligu legali.

L-ekwiżità hija ddefinita b'referenza għad-Direttiva 2013/34/UE (id-Direttiva dwar il-Kontabilità)⁹, jiġifieri s-somma tal-Kapital Imħallas, il-Kont tal-premium azzjonarju, ir-Riżerva u r-Riżervi ta' rivalwazzjoni¹⁰ u l-Profitti jew it-Telf riportati. L-ekwiżità netta mbagħad tiġi ddefinita bħala d-differenza bejn l-ekwiżità ta' kontribwent u s-somma tal-valur tat-taxxa tal-parteċipazzjoni tiegħu fil-kapital ta' intrapriżi assoċjati u tal-azzjonijiet proprji tiegħu. Din id-definizzjoni hija maħsuba biex tipprevjeni r-remissjoni kaskata permezz tal-parteċipazzjonijiet.

Ir-rata tal-imgħax nozzjonali rilevanti hija bbażata fuq żewġ komponenti: ir-rata tal-imgħax mingħajr riskju u premium tar-riskju. Ir-rata tal-imgħax mingħajr riskju hija r-rata tal-imgħax mingħajr riskju b'maturità ta' għaxar snin, kif stabbilit fl-atti ta' implimentazzjoni għall-Artikolu 77e(2) tad-Direttiva 2009/138/KE¹¹, li fiha tintalab ir-remissjoni, għall-munita tal-kontribwent. Il-premium tar-riskju huwa stabbilit għal 1 %, biex jitqies aħjar il-premium tar-

⁹ Fis-sens tal-Anness III tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi.

¹⁰ Ir-riżervi jinkludu: 1. Riżerva legali, sa fejn id-dritt nazzjonali jirrikjedi riżerva bħal din; 2. Riżerva għall-azzjonijiet proprji, sa fejn id-dritt nazzjonali jirrikjedi riżerva bħal din, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 24(1)(b) tad-Direttiva 2012/30/UE; 3. Riżervi previsti mill-artikoli ta' assoċjazzjoni; 4. Riżervi oħra, inkluż ir-riżerva ta' valur ġust

¹¹ Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibilità II) (Tfassil mill-ġdid) (ĠU L 335, 17.12.2009, p.1)

riskju li l-investituri fil-fatt iħallsu u tiġi mmitigata aħjar il-predispożizzjoni. Il-premium tar-riskju huwa stabbilit għal 1,5 % fil-każ ta' kontribwenti li jikkwalifikaw bħala intrapriżi żgħar jew medji, biex jirrifletti aħjar il-premium tar-riskju oġġla li jġarrbu biex jiksbu finanzjament. Ma għandu jkun hemm l-ebda diskrezzjoni min-naħa tal-Istati Membri dwar jekk japplikawx din ir-rata oġġla għall-SMEs jew liema rata għandha tapplika bħala pagament supplimentari għall-SMEs sabiex jiġi evitat tħassib dwar is-selettività fir-rigward tar-regoli tal-UE dwar l-Għajjnuna mill-Istat u jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għall-SMEs fl-UE irrispettivament mill-post ta' residenza tagħhom.

$NIR = \text{Rata Mingħajr Riskju} + \text{premium tar-Riskju}$

$\text{premium tar-Riskju} = 1 \% \text{ (jew } 1,5 \% \text{ għall-SMEs)}$

Ir-rata tal-imġax nozzjonali hija għalhekk ugwali għar-rata mingħajr riskju speċifika għall-munita flimkien ma' 1 % jew 1,5 % ($NIR = \text{rata mingħajr riskju} + 1 \% \text{ jew, għall-SMEs, } NIR = \text{rata mingħajr riskju} + 1,5 \%$). Dan l-approċċ jiżgura li l-miżura jkollha impatt filwaqt li tibqa' sempliċi biex tiġi implimentata u ma tagħmilx ħsara lill-baġits tal-Istati Membri. Dan jiżgura wkoll li jitqiesu ċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' negozji differenti. Rata tal-munita speċifika tiżgura aħjar il-bilanċ tat-trattament tat-taxxa bejn l-ekwità u d-dejn peress li tqis ir-riskju tal-munita separatament għal kull munita, u tirrifletti s-sitwazzjoni speċifika ta' kull kontribwent.

Ir-remissjoni tingħata għal għaxar snin biex tiġi approssimata l-maturità tal-biċċa l-kbira tad-dejn, filwaqt li l-kost baġitarju ġenerali tar-remissjoni fuq l-ekwità jinżamm taħt kontroll. Dan ifisser li jekk, skont din il-proposta, żieda fl-ekwità ta' kontribwent tikkwalifika għal remissjoni fuq l-ekwità, ir-remissjoni rilevanti, kalkolata kif imsemmi hawn fuq, għandha tkun deduċibbli fis-sena li tkun iġġarbet (TY) u fid-disa' snin suċċessivi (TY+9). Jekk, fis-sena ta' wara (TY+1), żieda ġdida fl-ekwità ta' kontribwent ukoll tikkwalifika għal remissjoni fuq l-ekwità skont din il-proposta, ir-remissjoni l-ġdida fuq l-ekwità se tkun tista' titnaqqas ukoll għas-sena tat-taxxa li tkun iġġarbet u għad-disa' snin ta' wara minn meta tkun daħlet (sa TY+10).

Bħala eżempju, jekk kumpanija li jkollha ekwità ta' 100, tiddeċiedi li, fis-sena t, iżżid l-ekwità tagħha b'20, titnaqqas remissjoni mill-bażi taxxabbli tagħha kull sena għal għaxar snin (sa t+9) kalkolata bħala 20 darba aktar mir-rata tal-imġax nozzjonali, jiġifieri 20 darba aktar mir-rata tal-imġax mingħajr riskju għall-munita rilevanti miżjudha b'20 (20 darba aktar mill-premium tar-riskju definit bħala 1).

Sena	t	t - 1
Ekwità tal-Kumpanija A	120	100

Bażi tar-remissjoni = $120 - 100 = 20$

Remissjoni = Bażi tar-remissjoni X NIR = $20 \times NIR$

Ir-remissjoni se tkun disponibbli għal 10 snin konsekuttivi: t, t+1, t+2, ..., t+9

Jekk il-kumpanija tkun intrapriża żgħira jew medja, ir-remissjoni tiġi kalkolata bl-istess mod. L-NIR se tkun sempliċement differenti peress li l-premium tar-riskju huwa oġġla (1,5 % minflok 1 %).

Sabiex jiġi prevenut l-abbuż tat-taxxa, id-deduċibbiltà tar-remissjoni hija limitata għal massimu ta' 30 % tal-EBITDA (qligħ qabel l-imġax, it-taxxa, id-deprezzament u l-amortizzament) tal-kontribwent għal kull sena tat-taxxa. Kontribwent se jkun jista' jirriporta, mingħajr limitazzjoni taż-żmien, il-parti tar-remissjoni fuq l-ekwità li ma titnaqqasx f'sena tat-taxxa minħabba profitt taxxabbli insuffiċjenti. Barra minn hekk, il-kontribwent se jkun

jista' jirriporta, għal perjodu massimu ta' ħames snin, kapaċità ta' remissjoni mhux użata, meta r-remissjoni fuq l-ekwità ma tilħaqx l-ammont massimu msemmi hawn fuq.

Miżuri robusti kontra l-abbuż se jiżguraw li r-regoli dwar id-deduċibbiltà ta' remissjoni fuq l-ekwità ma jintużawx għal finijiet mhux intenzjonati. Dawn ir-regoli kontra l-abbuż huma misluta mill-Gwida dwar ir-reġimi għat-tnaqqis tal-imġax nozzjonali li ġiet adottata mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta fl-2019, u jindirizzaw skemi eżistenti magħrufa sew, bħall-kaskata tar-remissjoni fi ħdan grupp.

L-ewwel miżura teskludi mill-bażi tar-remissjoni, żidiet tal-ekwità li joriġinaw minn (i) self intragrupp, (ii) trasferimenti intragrupp ta' parteċipazzjonijiet jew attivitajiet tan-negozju eżistenti u (iii) kontribuzzjonijiet fi flus taħt ċerti kundizzjonijiet. Għalhekk, pereżempju, fir-rigward tas-self intragrupp, il-miżura għandha tipprevjeni li injezzjoni ta' ekwità mogħtija lill-kumpanija A li tinsab fl-Istat Membru A tintuża biex jingħata self lil kumpanija B relatata li tinsab fl-Istat Membru B. Dan huwa minħabba li f'każ bħal dan, il-kumpanija B tuża wkoll dawn il-flus biex tagħmel injezzjoni ta' ekwità f'kumpanija C oħra relatata, li tinsab fl-Istat Membru C. Dan iwassal għall-multiplikazzjoni tar-remissjoni fuq l-ekwità b'żieda tal-ekwità ġenwina waħda biss fil-livell tal-grupp.

Miżura oħra tistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi biex jitqiesu ż-żidiet tal-ekwità li joriġinaw minn kontributi *in natura* jew minn investimenti f'assi. Hija għandha l-għan li tipprevjeni l-valwazzjoni żejda tal-assi jew ix-xiri ta' oġġetti ta' lussu bl-għan li tiżdied il-bażi tar-remissjoni. Għalhekk, pereżempju, il-valur ta' assi u l-kostijiet relatati ma għandhomx jaqbu l-ħtiġijiet professjonali raġonevoli, u kwalunkwe parti mill-valur tal-assi kontribwit jew reġistrat fil-kotba kontabilistiċi tal-kontribwent fuq il-valur tas-suq tiegħu għandha titnaqqas mill-bażi tar-remissjoni.

It-tielet miżura għandha fil-mira r-rikategorizzazzjoni tal-kapital antik bħala kapital ġdid, li jikkwalifika bħala żieda tal-ekwità għall-finijiet tar-remissjoni. Tali rikategorizzazzjoni tista' tinkiseb permezz ta' likwidazzjoni u l-ħolqien ta' start-ups. Pereżempju, jekk kumpanija eżistenti, bi qligħ imfaddal, tiġi likwidata, ikun hemm żieda fl-ekwità tal-kumpanija omm minħabba l-inkorporazzjoni tal-qligħ imfaddal. Jekk sussegwentement tinholq sussidjarja ġdida u ma tibqax miżmuma mill-kumpanija omm, il-bażi ta' remissjoni preċedentement miżjudata tal-kumpanija omm ma tonqosx bil-valur tal-partiċipazzjoni fis-sussidjarja.

• **Limitazzjoni għat-tnaqqis tal-imġax**

Mil-lat ta' dejn, ir-remissjoni għall-imġax nozzjonali fuq l-ekwità hija akkumpanjata minn limitazzjoni għad-deduċibbiltà tat-taxxa ta' pagamenti tal-imġax relatati mad-dejn. B'mod partikolari, restrizzjoni proporzjonali se tillimita d-deduċibbiltà tal-imġax għal 85 % tal-kostijiet tas-self eċċessivi (jiġifieri l-imġax imħallas minus l-imġax riċevut). Approċċ bħal dan jippermetti l-indirizzar tal-predispożizzjoni favur id-dejn simultanament kemm mil-lat tal-ekwità kif ukoll mil-lat tad-dejn, li huwa l-aktar effiċjenti u jippreserva s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi tal-Istati Membri.

Minħabba li r-regoli dwar il-limitazzjoni tal-imġax diġà japplikaw fl-UE skont l-Artikolu 4 tal-ATAD, il-kontribwent se japplika r-regola tal-Artikolu 6 ta' din il-proposta bħala l-ewwel pass u mbagħad, jikkalkola l-limitazzjoni applikabbli f'konformità mal-Artikolu 4 tal-ATAD. Jekk ir-riżultat tal-applikazzjoni tar-regola tal-ATAD ikun ammont deduċibbli aktar baxx, il-kontribwent se jkun intitolat li jirriporta jew jittrasferixxi lura d-differenza f'konformità mal-Artikolu 4 tal-ATAD.

Bħala eżempju, jekk kumpanija A jkollha kostijiet tas-self eċċessivi ta' 100, għandha:

- (1) L-ewwel nett, tapplika l-Artikolu 6 ta' din il-proposta għal direttiva li jillimita d-deduċibbiltà għal 85 % ta' 100 = 85 u b'hekk jagħti ammont mhux deduċibbli ta' 15.

- (2) It-tieni, tikkalkola l-ammont li jkun deduċibbli skont l-Artikolu 4 tal-ATAD. Jekk l-ammont deduċibbli jkun aktar baxx, eż. 80 (u sussegwentement l-ammont mhux deduċibbli jkun ogħla, jiġifieri 20), id-differenza fid-deduċibbiltà, jiġifieri l-ammont addizzjonali mhux deduċibbli (jiġifieri $85-80 = 5$) tiġi riportata jew trasferita lura f'konformità mal-kundizzjonijiet tal-Artikolu 4 tal-ATAD, kif trasport fid-dritt nazzjonali.

L-eżitu għall-kumpanija A huwa li 15 ($100 - 85$) tal-kostijiet tas-self tal-imgħax ma humiex deduċibbli u 5 ($85 - 80$) oħra tal-kostijiet tas-self tal-imgħax jiġu riportati jew trasferiti lura.

- **Monitoraġġ u rapportar**

L-Istati Membri se jipprovdu *data* speċifika lill-Kummissjoni fuq bażi annwali sabiex jippermettu l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u tal-effetti tar-regoli l-ġodda. Il-Kummissjoni se tibbaża fuq din id-*data*, fost l-oħrajn, sabiex tevalwa l-implimentazzjoni tad-Direttiva u tirrapporta kif xieraq.

- **Delegazzjoni**

Il-Kummissjoni se jkollha s-setgħa li timmodifika r-rata tal-premium tar-riskju billi tadotta atti delegati. Il-Kummissjoni tista' teżerċita din is-setgħa biss f'ċirkostanzi speċifiċi, jiġifieri meta l-inflazzjoni u/jew ix-xejriet tat-tkabbir ekonomiku jkunu jirrikjedu żieda jew tnaqqis tal-premium tar-riskju u dment li d-*data*, ir-rapporti u l-istatistika rilevanti, inklużi dawk provduti mill-Istati Membri, jikkonkludu li l-medja tal-UE tal-kundizzjonijiet ta' finanzjament tad-dejn tal-kumpaniji fil-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva tkun irdoppjat jew naqset binofs mill-aħħar determinazzjoni tal-premium tar-riskju. F'każijiet bħal dawn, fil-fatt huwa essenzjali li r-rati applikabbli jkunu jistgħu jinbidlu sabiex jirriflettu l-kundizzjonijiet reali tas-suq malajr u mingħajr xkiel, mingħajr rikors għal proċedura leġiżlattiva sħiħa. Madankollu, is-setgħa tal-Kummissjoni hija ristretta u revokabbli kif dovut.

- **Traspożizzjoni**

L-Istati Membri li għandhom regoli stabbiliti li jipprevedu remissjoni fuq żidiet fl-ekwità jistgħu jiddifferixxu l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva għad-durata tad-drittijiet diġà stabbiliti skont ir-regoli domestiċi (anterjorità). Kontribwenti li, fl-[1 ta' Jannar 2024] jibbenefikaw minn remissjoni fuq l-ekwità, skont id-dritt domestiku (fil-Belġju, f'Ċipru, fl-Italja, f'Malta, fil-Polonja u fil-Portugall) se jkunu jistgħu jkomplu jibbenefikaw minn din ir-remissjoni skont id-dritt nazzjonali għal perjodu sa 10 snin, u fl-ebda każ għal perjodu itwal mid-durata tal-benefiċċju skont id-dritt nazzjonali. Min-naħa l-oħra, ir-regoli ta' din id-direttiva se japplikaw mid-*data* tal-applikazzjoni tagħhom għall-kontribwenti l-oħra kollha fl-Istati Membri kollha.

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-KUNSILL

dwar l-istabbiliment ta' regoli dwar remissjoni li tnaqqas il-predispożizzjoni favur id-dejn, u dwar il-limitazzjoni tad-deduċibbiltà tal-imgħax għal finijiet ta' taxxa korporattiva

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 115 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew¹²,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹³,

Filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġiżlattiva speċjali,

Billi:

- (1) Il-promozzjoni ta' ambjent tan-negozju ġust u sostenibbli, inkluż permezz ta' miżuri tat-taxxa mmirati li jinċentivaw l-investiment u t-tkabbir, hija prijorità politika għolja tal-Unjoni. Sabiex jiġi appoġġat il-finanzjament korporattiv sostenibbli u fit-tul, is-sistema tat-taxxa jenħtieġ li timminimizza d-distorsjonijiet mhux intenzjonati tad-deċiżjonijiet tan-negozju, pereżempju favur id-dejn minflok il-finanzjament mill-ekwiżità. Filwaqt li l-Pjan ta' Azzjoni għall-2020¹⁴ tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali tal-Kummissjoni jinkludi azzjonijiet importanti biex jiġi appoġġat dan il-finanzjament, pereżempju l-Azzjoni 4 - L-inkoraġġiment ta' finanzjament aktar fit-tul u mill-ekwiżità minn investituri istituzzjonali, jenħtieġ li jiġu adottati miżuri tat-taxxa mmirati sabiex jittejjbu dawn l-azzjonijiet. Dawn il-miżuri jenħtieġ li jqisu l-kunsiderazzjonijiet tas-sostenibbiltà fiskali.
- (2) Is-sistemi tat-taxxa tal-Istati Membri jippermettu lill-kontribwenti jnaqqsu l-pagamenti tal-imgħax fuq il-finanzjament b'dejn, u b'hekk inaqqsu l-obbligazzjoni tat-taxxa korporattiva, filwaqt li l-kostijiet relatati mal-finanzjament mill-ekwiżità ma humiex taxxabbli fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. It-trattament asimetriku tat-taxxa tal-finanzjament b'dejn u finanzjament mill-ekwiżità madwar l-Unjoni jwassal għal predispożizzjoni favur id-dejn f'deċiżjonijiet ta' investiment. Barra minn hekk, meta l-Istati Membri jipprevedu remissjoni tat-taxxa fuq il-finanzjament mill-ekwiżità fid-dritt

¹² ĠU C , , p. .Għadha mhux ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali.

¹³ ĠU C , , p. .Għadha mhux ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali.

¹⁴ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Unjoni tas-Swieq Kapitali għall-persuni u n-negozji - pjan ta' azzjoni ġdid", COM(2020) 590 final (https://eur-lex.europa.eu/resource.html?uri=cellar:61042990-fe46-11ea-b44f-01aa75ed71a1.0007.02/DOC_1&format=PDF)

domestika tagħhom, dawn il-miżuri nazzjonali jvarjaw konsiderevolment f'termini ta' tfassil ta' politika.

- (3) Sabiex jitneħħew distorsjonijiet possibbli relatati mat-taxxa fost l-Istati Membri, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit qafas komuni ta' regoli biex tiġi indirizzata l-predispożizzjoni favur id-dejn relatata mat-taxxa madwar l-Unjoni b'mod koordinat. Dawn ir-regoli jenħtieġ li jiżguraw li l-finanzjament mill-ekwiżità u l-finanzjament b'dejn jiġu trattati b'mod simili għall-finijiet ta' taxxa fis-suq uniku kollu. Fl-istess ħin, qafas leġiżlattiv komuni tal-Unjoni jenħtieġ li jkun sostenibbli wkoll fuq terminu qasir għall-baġits tal-Istati Membri. Dan il-qafas jenħtieġ li, għalhekk, jinkludi regoli, minn naħa waħda, għad-deduċibbiltà tat-taxxa għall-kostijiet tal-finanzjament mill-ekwiżità u, min-naħa l-oħra, biex tiġi llimitata d-deduċibbiltà tat-taxxa għall-kostijiet tal-finanzjament b'dejn.
- (4) Sabiex jiġi żgurat qafas leġiżlattiv sempliċi u komprensiv, jenħtieġ li l-qafas komuni ta' regoli japplika għall-impriżi kollha fl-Unjoni li huma soġġetti għal taxxa korporattiva fi Stat Membru. L-impriżi finanzjarji għandhom karatteristiċi speċjali u jirrikjedu trattament speċifiku. Jekk ir-regoli biex tiġi indirizzata l-predispożizzjoni favur id-dejn relatata mat-taxxa kellhom japplikaw għalihom, il-piż ekonomiku tal-miżuri ma jiġix distribwit ugwalment għad-detriment ta' impriżi mhux finanzjarji. Għalhekk, jenħtieġ li l-impriżi finanzjarji jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.
- (5) Sabiex tiġi newtralizzata l-predispożizzjoni kontra l-finanzjament mill-ekwiżità, jenħtieġ li tiġi prevista remissjoni sabiex iż-żidiet fl-ekwiżità ta' kontribwent minn perjodu ta' taxxa għal dak sussegwenti jkun deduċibbli mill-bażi taxxabli tiegħu, soġġett għal ċerti kundizzjonijiet. Jenħtieġ li r-remissjoni tiġi kalkolata billi ż-żieda fl-ekwiżità tiġi mmultiplikata b'rata tal-imgħax nozzjonali bbażata fuq rata tal-imgħax mingħajr riskju, kif stabbilit fl-atti ta' implimentazzjoni adottati skont l-Artikolu 77e(2) tad-Direttiva 2009/138/KE. Dawn ir-rati tal-imgħax mingħajr riskju diġà huma prattikament u effettivament applikati, bħala parti mid-dritt tal-UE. Kwalunkwe parti mir-remissjoni li ma tistax titnaqqas f'perjodu ta' taxxa minħabba profitti taxxabli insuffiċjenti tista' tiġi riportata. Filwaqt li jitqiesu l-isfidi speċifiċi li jiffaċċjaw l-intrapriżi żgħar u medji (SMEs) biex jaċċessaw is-swieq kapitali, jenħtieġ li tiġi prevista żieda fir-remissjoni fuq l-ekwiżità għall-kontribwenti li huma SMEs. Sabiex ittnaqqis ta' remissjoni fuq l-ekwiżità jkun sostenibbli għall-finanzi pubbliċi fuq terminu qasir, jenħtieġ li dan ikun għal żmien limitat. Sabiex is-sistema tiġi salvagwardjata mill-abbużi, huwa meħtieġ li jiġi eskluż il-valur għal finijiet tat-taxxa tal-azzjonijiet proprji ta' kontribwent, kif ukoll dak tal-parteċipazzjoni tiegħu f'intrapriżi assoċjati mill-kalkolu tal-bidliet fl-ekwiżità. Bl-istess mod, huwa meħtieġ li tiġi prevista t-tassazzjoni ta' tnaqqis fl-ekwiżità ta' kontribwent minn perjodu ta' taxxa partikolari għal dak sussegwenti, sabiex żieda fl-ekwiżità ma tiġix affettwata b'mod abbużiv. Din ir-regola tteġġeg ukoll iż-żamma ta' livell ta' ekwiżità. Hija tapplika sabiex fejn ikun hemm tnaqqis fl-ekwiżità ta' kontribwent li jkun ibbenefika minn remissjoni fuq żieda fl-ekwiżità, ammont kalkolat bl-istess mod bħar-remissjoni jsir taxxabli għal 10 perjodi ta' taxxa; sakemm il-kontribwent ma jipprovdix evidenza li dan it-tnaqqis ikun esklużivament dovut għal telf imġarrab matul il-perjodu ta' taxxa jew minħabba obbligu legali.
- (6) Sabiex jiġi evitat użu ħażin tat-tnaqqis tar-remissjoni fuq l-ekwiżità, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi kontra l-evitar tat-taxxa. Dawn ir-regoli jenħtieġ li jimmiraw, partikolarment, skemi stabbiliti biex jiġu evitati l-kundizzjonijiet li abbażi tagħhom żieda fl-ekwiżità tikkwalifika għal remissjoni skont din id-Direttiva, pereżempju, permezz tat-trasferiment intragrupp ta' parteċipazzjonijiet f'intrapriżi

assoċjati. Dawn ir-regoli jenħtieġ li jimmiraw ukoll skemi stabbiliti biex tintalab remissjoni fin-nuqqas ta' kwalunkwe żieda fl-ekwità fil-livell tal-grupp. Pereżempju, il-finanzjament b'dejn intragrupp jew il-kontribuzzjonijiet fi flus jistgħu jintużaw għal dawn il-finijiet. Jenħtieġ li r-regoli speċifiċi kontra l-evitar tat-taxxa jipprevjenu wkoll li jiġu stabbiliti skemi biex jiġi affermat li żieda fl-ekwità, u r-remissjoni korrispondenti, tkun oġġa milli fil-fatt tkun, pereżempju, permezz ta' żieda fir-riċevibbli ta' finanzjament b'self jew sovravalwazzjoni tal-assi. Barra minn hekk, ir-regola ġenerali kontra l-abbuż tat-taxxa fl-Artikolu 6 tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/1164¹⁵ tapplika kontra atti abbużivi li ma humiex koperti mill-qafas speċifiku kontra l-evitar tat-taxxa ta' din id-Direttiva.

- (7) Sabiex tiġi indirizzata effettivament il-predispożizzjoni favur id-dejn relatata mat-taxxa b'mod sostenibbli għall-finanzi pubbliċi tal-Unjoni, jenħtieġ li remissjoni għall-finanzjament mill-ekwità tkun akkumpanjata minn limitazzjoni fuq id-deduċibbiltà tal-kostijiet tal-finanzjament b'dejn. Regola dwar il-limitazzjoni tal-imgħax jenħtieġ għalhekk li tillimita d-deduċibbiltà tal-kostijiet tas-self eċċessivi u tapplika indipendentement mir-remissjoni. Minħabba l-oġġettivi differenti bejn din ir-regola u r-regola eżistenti kontra l-evitar tat-taxxa dwar il-limitazzjoni tal-imgħax tal-Artikolu 4 tad-Direttiva (UE) 2016/1164, jenħtieġ li jinżammu ż-żewġ regoli. Il-kontribwenti l-ewwel jenħtieġ li jikkalkolaw id-deduċibbiltà tal-kostijiet tas-self eċċessivi skont din id-Direttiva u mbagħad skont l-ATAD. Fil-każ li l-ATAD tirriżulta f'ammont aktar baxx ta' kostijiet tas-self eċċessivi deduċibbli, il-kontribwent jenħtieġ li jnaqqas dan l-ammont aktar baxx u jirriporta jew jittrasferixxi lura kwalunkwe differenza bejn iż-żewġ ammonti f'konformità mal-Artikolu 4 tal-ATAD.
- (8) Peress li l-implimentazzjoni u l-infurzar tar-regoli tal-Unjoni f'kull Stat Membru huma kritiċi għas-salvagwardja tal-bażijiet tat-taxxa tal-Istati Membri u, fejn meħtieġ, għar-rieżami xieraq tar-regoli tal-Unjoni, tali implimentazzjoni u infurzar jenħtieġ li jiġu mmonitorjati mill-Kummissjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jgħaddu lill-Kummissjoni, fuq bażi regolari, informazzjoni speċifika dwar l-implimentazzjoni u l-infurzar, fit-territorju tagħhom, tal-miżuri nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva.
- (9) Sabiex tiġi evalwata l-effettività ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Kummissjoni tħejji u tippubblica rapport ta' evalwazzjoni abbażi tal-informazzjoni provduta mill-Istati Membri u ta' *data* oħra disponibbli.
- (10) Sabiex l-emenda ta' ċerti elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva tkun tista' ssir bla xkiel u fil-pront, filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi li jkunu għaddejnin, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni, sabiex hija tkun tista' temenda din id-Direttiva, biex timmodifika l-livell tar-rata tal-premium tar-riskju bħala element għall-kalkolu tar-remissjoni fuq l-ekwità. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, anke fil-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet¹⁶. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Kunsill jenħtieġ li jirċievi d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tiegħu jenħtieġ li jingħataw aċċess

¹⁵ Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/1164 tat-12 ta' Lulju 2016 li tistabbilixxi regoli kontra l-prattiki ta' evitar tat-taxxa li jaffettwaw direttament il-funzjonament tas-suq intern (ĠU L 193, 19.7.2016, p. 1).

¹⁶ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tnejn ta' atti delegati.

- (11) Billi l-oġġettiv ta' din id-Direttiva ma jistax jintlaħaq suffiċjentement mill-Istati Membri, iżda, minħabba r-raġuni tal-ħtieġa li jiġu provduti inċentivi bbilanċjati għall-post tan-negozju u l-intraprenditorija fis-suq uniku, jista' jintlaħaq pjuttost aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, jenħteġ li din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-oġġettiv,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli dwar it-tnaqqis, għall-finijiet tat-taxxa korporattiva, ta' remissjoni fuq żidiet fl-ekwità u fuq il-limitazzjoni tad-deduċibbiltà tat-taxxa għal kostijiet tas-self eċċessivi.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

Din id-Direttiva tapplika għall-kontribwenti li huma soġġetti għat-taxxa korporattiva fi Stat Membru wieħed jew aktar, inklużi stabbilimenti permanenti fi Stat Membru wieħed jew aktar ta' entitajiet residenti f'pajjiż terz għall-finijiet tat-taxxa.

Madankollu, din id-Direttiva ma tapplikax għall-impriżi finanzjarji li ġejjin:

- (a) "istituzzjoni ta' kreditu" kif definit fl-Artikolu 4(1)(1), tar-Regolament (UE) 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁷;
- (b) "ditta ta' investiment" kif definit fl-Artikolu 4(1)(1), tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁸;
- (c) "maniġer ta' fondi ta' investiment alternattivi" kif definit fl-Artikolu 4(1)(b), tad-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁹, inkluż maniġer ta'

¹⁷ Ir-Regolament (UE) 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

¹⁸ Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

¹⁹ Id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010 (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1).

fondi Ewropej ta' kapital ta' riskju skont ir-Regolament (UE) Nru 345/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁰, maniġer ta' fondi ta' intraprenditorija soċjali Ewropej skont ir-Regolament (UE) Nru 346/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²¹ u maniġer ta' fondi ta' investiment Ewropej fuq terminu twil skont ir-Regolament (UE) 2015/760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²²;

- (d) “impriża ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli” “kumpanija tal-maniġment” kif definit fl-Artikolu 2(1)(b), tad-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²³;
- (e) “impriża tal-assigurazzjoni” kif definit fl-Artikolu 13(1), tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁴;
- (f) “impriża tar-riassigurazzjoni” kif definit fl-Artikolu 13(4), tad-Direttiva 2009/138/KE;
- (g) “istituzzjoni għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali” kif definit fl-Artikolu 6(1), tad-Direttiva (UE) 2016/2341 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁵;
- (h) istituzzjonijiet tal-pensjoni li joperaw skemi tal-pensjoni li huma koperti mir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁶ kif ukoll minn kwalunkwe entità ġuridika stabbilita għall-fini ta' investiment f'tali skemi;
- (i) “fond ta' investiment alternattiv” kif definit fl-Artikolu 4(1)(a) tad-Direttiva 2011/61/UE, ġestit minn maniġer ta' fond ta' investiment alternattiv, kif definit fl-Artikolu 4(1)(b), tad-Direttiva 2011/61/UE jew fond ta' investiment alternattiv kif definit fl-Artikolu 4(1)(a), tad-Direttiva 2011/61/UE supervizzata skont id-drift nazzjonali applikabbli;
- (j) impriżi għal investiment kollettiv f'titoli trasferibbli skont it-tifsira tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2009/65/KE;
- (k) “kontroparti ċentrali” kif definit fl-Artikolu 2(1), tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁷;
- (l) “depożitorju ċentrali tat-titoli” kif definit fl-Artikolu 2(1)(1), tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁸;

²⁰ Ir-Regolament (UE) Nru 345/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar fondi Ewropej ta' kapital ta' riskju (ĠU L 115, 25.4.2013, p. 1).

²¹ Ir-Regolament (UE) Nru 346/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar il-fondi ta' intraprenditorija soċjali Ewropej (ĠU L 115, 25.4.2013, p. 18).

²² Ir-Regolament (UE) 2015/760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar il-Fondi ta' Investiment Ewropej fuq Terminu Twil (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 98).

²³ Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32).

²⁴ Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negożju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1).

²⁵ Id-Direttiva (UE) 2016/2341 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar l-attivitàjiet u s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali (IORPs) (ĠU L 354, 23.12.2016, p. 37).

²⁶ Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1).

²⁷ Ir-Regolament (UE) 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1).

²⁸ Ir-Regolament (UE) 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar

- (m) strument bi skop speċjali awtorizzata f'konformità mal-Artikolu 211 tad-Direttiva 2009/138/KE;
- (n) “entità bi skop speċjali tat-titolizzazzjoni” kif definit fl-Artikolu 2(2), tar-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁹;
- (o) “kumpanija holding tal-assigurazzjoni” kif definit fl-Artikolu 212(1)(f), tad-Direttiva 2009/138/KE jew “kumpanija holding finanzjarja mħallta” kif definit fl-Artikolu 212(1)(h), tad-Direttiva 2009/138/KE, li hija parti minn grupp tal-assigurazzjoni li huwa soġġett għal superviżjoni fil-livell tal-grupp skont l-Artikolu 213 ta’ dik id-Direttiva u li ma huwiex eżentat mis-superviżjoni tal-grupp skont l-Artikolu 214(2) tad-Direttiva 2009/138/KE;
- (p) “istituzzjoni ta’ pagament” kif definit fl-Artikolu 4(4), tad-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁰;
- (q) “istituzzjoni tal-flus elettroniċi” kif definit fl-Artikolu 2(1), tad-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³¹;
- (r) “fornitur ta’ servizzi ta’ finanzjament kollettiv” kif definit fl-Artikolu 2(1)(e), tar-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³²;
- (s) “fornitur ta’ servizzi tal-kriptoassi” kif definit fl-Artikolu 3(1)(8), tar-Regolament .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³³

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta’ din id-Direttiva għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012 (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 1).

²⁹ Ir-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Diċembru 2017 li jistabbilixxi

qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li joħloq qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata, u li jemenda d-Direttivi 2009/65/KE, 2009/138/KE u 2011/61/UE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 35).

³⁰ Ir-Regolament (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Novembru 2015 dwar is-servizzi ta’ pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35).

³¹ Id-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Settembru 2009 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenzjali tan-negozju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li temenda d-Direttivi 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 2000/46/KE (ĠU L 267, 10.10.2009, p. 7).

³² Ir-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta’ Ottubru 2020 dwar fornituri Ewropej ta’ servizzi ta’ finanzjament kollettiv għan-negozji, u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1129 u

d-Direttiva (UE) 2019/1937 (ĠU L 347, 20.10.2020, p. 1).

³³ Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Swieq fil-Kriptoassi, u li jemenda d-Direttiva (UE) 2019/193731 (ĠU L...) (ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument 2020/0265/COD u daħħal in-numru, id-data, u r-referenza tal-ĠU ta’ dik id-Direttiva fin-nota f’qiegħ il-paġna.)

- (1) “intrapriża assoċjata” tfisser parti li tkun relatata ma’ parti oħra bi kwalunkwe wieħed mill-modi li ġejjin:
- (a) il-parti tipparteċipa fil-maniġment tal-parti l-oħra billi tkun f’pożizzjoni li teżerċita influwenza sinifikanti fuq il-parti l-oħra;
 - (b) il-parti tipparteċipa fil-kontroll tal-parti l-oħra permezz ta’ parteċipazzjoni li taqbeż 25 % tad-drittijiet tal-vot;
 - (c) il-parti tipparteċipa fil-kapital tal-parti l-oħra permezz ta’ dritt ta’ sjieda li, direttament jew indirettament, jaqbeż 25 % tal-kapital sottoskritt;
 - (d) il-parti tkun intitolata għal 25 % jew aktar tal-profitti tal-parti l-oħra.

Jekk aktar minn parti waħda tipparteċipa fil-maniġment, fil-kontroll, fil-kapital jew fil-profitti tal-istess parti, kif imsemmi fil-paragrafu 1, il-partijiet kollha konċernati għandhom jitqiesu bħala intrapriżi assoċjati.

Jekk l-istess partijiet jipparteċipaw fil-maniġment, fil-kontroll, fil-kapital jew fil-profitti ta’ aktar minn parti waħda, kif imsemmi fil-paragrafu 1, il-partijiet kollha konċernati għandhom jitqiesu bħala intrapriżi assoċjati.

Għall-finijiet ta’ din id-definizzjoni, “parti” tfisser kemm persuni ġuridiċi kif ukoll persuni fiżiċi. Parti li taġixxi flimkien ma’ parti oħra fir-rigward tad-drittijiet tal-vot jew tas-sjieda tal-kapital ta’ entità għandha tiġi trattata bħala li għandha parteċipazzjoni fid-drittijiet kollha tal-vot jew fis-sjieda tal-kapital ta’ dik l-entità li huma miżmuma mill-parti l-oħra.

F’parteċipazzjonijiet indiretti, it-twertiq tal-kriterji stabbiliti fil-punt (c) tal-paragrafu 1 għandu jiġi ddeterminat billi jiġu mmultiplikati r-rati ta’ parteċipazzjoni fis-saffi suċċessivi. Parti li jkollha iżjed minn 50 % tad-drittijiet tal-vot għandha titqies li għandha 100 %.

Il-konjuġi, u d-dixxendenti lineali ta’ individwu, flimkien mal-individwu, għandhom jiġu trattati bħala parti waħda.

Intrapriża assoċjata, f’konformità ma’ dan il-paragrafu, għandha tinkludi wkoll kwalunkwe operazzjoni li b’riżultat tagħha parti ssir intrapriża assoċjata;

- (2) “perjodu ta’ taxxa” tfisser sena kalendarja jew kwalunkwe perjodu xieraq ieħor għall-finijiet tat-taxxa;
- (3) “grupp” tfisser grupp kif definit fl-Artikolu 2(11), tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁴.
- (4) “parteċipazzjoni” tfisser parteċipazzjoni kif definit fl-Artikolu 2(2), tad-Direttiva 2013/34/UE;
- (5) “SME” tfisser l-impriżi kollha li ma jaqbżux il-limitu għal impriżi ta’ daqs medju, kif stabbilit fl-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2013/34/UE;

³⁴ Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati u r-rapporti relatati ta’ ċerti tipi ta’ impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19).

- (6) “ekwità” tfisser, f’perjodu ta’ taxxa partikolari, is-somma tal-kapital imħallas tal-kontribwent, tal-kontijiet tal-premium azzjonarju, tar-riżerva ta’ rivalwazzjoni u ta’ riżervi oħra, u ta’ profitt jew telf riportati;
- (7) “ekwità netta” tfisser id-differenza bejn l-ekwità ta’ kontribwent u s-somma tal-valur tat-taxxa tal-parteċipazzjoni tal-kontribwent fil-kapital tal-intrapriżi assoċjati u tal-azzjonijiet proprji tal-kontribwent;
- (8) “riżervi” tfisser kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:
- (1) riżerva legali, sa fejn id-dritt nazzjonali jirrikjedi tali riżerva;
 - (2) riżerva għall-azzjonijiet proprji, sa fejn id-dritt nazzjonali jirrikjedi tali riżerva, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 24(1)(b), tad-Direttiva 2012/30/UE;
 - (3) riżervi previsti mill-artikoli ta’ assoċjazzjoni;
 - (4) riżervi oħra, inkluż ir-riżerva ta’ valur ġust.

KAPITOLU II

REMISSJONI FUQ L-EKWITÀ U DEDUZZJONIJIET TAL- IMGĦAX

Artikolu 4

Remissjoni fuq l-Ekwità

1. Remissjoni fuq l-ekwità għandha tkun deduċibbli, għal 10 perjodi ta’ taxxa konsekuttivi, mill-bażi taxxabli ta’ kontribwent għal finijiet tat-taxxa korporattiva sa 30 % tal-qligħ tal-kontribwent qabel l-imgħax, it-taxxa, id-deprezzament u l-amortizzament (“EBITDA”).

Jekk ir-remissjoni deduċibbli fuq l-ekwità, f’konformità mal-ewwel subparagrafu, tkun ogħla mill-introjt taxxabli nett tal-kontribwent f’perjodu ta’ taxxa, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kontribwent ikun jista’ jirriporta, mingħajr limitazzjoni taż-żmien, l-eċċess tar-remissjoni fuq l-ekwità għall-perjodi sussegwenti.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kontribwenti jkunu jistgħu jirriportaw, għal massimu ta’ 5 perjodi ta’ taxxa, il-parti tar-remissjoni fuq l-ekwità li taqbeż 30 % tal-EBITDA f’perjodu ta’ taxxa partikolari.

2. Soġġett għall-Artikolu 5, il-bażi tar-remissjoni fuq l-ekwità għandha tiġi kalkolata bħala d-differenza bejn il-livell ta’ ekwità netta fi tmiem il-perjodu ta’ taxxa, u l-livell ta’ ekwità netta fi tmiem il-perjodu ta’ taxxa preċedenti.

Ir-remissjoni fuq l-ekwità għandha tkun ugwali għall-bażi tar-remissjoni immultiplikata bir-rata tal-imgħax mingħajr riskju ta’ 10 snin għall-munita rilevanti u miżjuda bi premium tar-riskju ta’ 1 % jew, fejn il-kontribwent ikun SME, premium tar-riskju ta’ 1,5 %.

Għall-finijiet tat-tieni subparagrafu ta’ dan il-paragrafu, ir-rata tal-imgħax mingħajr riskju ta’ 10 snin għall-munita rilevanti għandha tkun ir-rata tal-imgħax mingħajr riskju b’ maturità ta’ 10 snin għall-munita rilevanti, kif stabbilit fl-atti ta’

implimentazzjoni adottati skont l-Artikolu 77e(2) tad-Direttiva 2009/138/KE għad-data ta' referenza tal-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel il-perjodu ta' taxxa rilevanti.

3. Jekk, wara li tkun inkisbet remissjoni fuq l-ekwità, il-bażi tar-remissjoni fuq l-ekwità tkun negattiva f'perjodu ta' taxxa partikolari, ammont ugwali għar-remissjoni negattiva fuq l-ekwità għandu jsir taxxabli għal 10 perjodi ta' taxxa konsekuttivi, saż-żieda kumplessiva tal-ekwità netta li għaliha tkun inkisbet tali remissjoni skont din id-Direttiva, sakemm il-kontribwent ma jipprovdix biżżejjed evidenza li dan ikun dovut għat-telf kontabilistiku mġarrab matul il-perjodu ta' taxxa jew minħabba obbligu legali li jitnaqqas il-kapital.
4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 9 li jemenda l-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu billi timmodifika r-rata tal-premium tar-riskju, fejn tiġi ssodisfata kwalunkwe waħda miż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:
 - (a) ir-rata tal-imgħax mingħajr riskju ta' 10 snin kif imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu tvarja b'aktar minn żewġ punti perċentwali fir-rigward ta' mill-inqas tliet muniti tal-Unjoni meta mqabbla mal-perjodu ta' taxxa li fih l-aktar att delegat reċenti li jimmodifika l-premium tar-riskju, jew, fejn ma jkun hemm l-ebda att delegat bħal dan, din id-Direttiva bdiet applika; jew
 - (b) tkabbir żero jew negattiv tal-prodott domestiku gross taż-żona tal-UE f'mill-inqas żewġ trimestri suċċessivi;u
 - (c) id-*data*, ir-rapporti u l-istatistika rilevanti, inklużi dawk provduti mill-Istati Membri, jikkonkludu li l-medja tal-UE tal-kundizzjonijiet ta' finanzjament tad-dejn għall-kontribwenti fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva żdiedet b'aktar mid-doppju jew naqset bin-nofs mill-aħħar determinazzjoni tal-premium tar-riskju stabbilit fil-paragrafu 2.

Il-perċentwal ta' żieda jew tnaqqis tal-premium tar-riskju għandu jkoll il-bidliet fil-kundizzjonijiet ta' finanzjament imsemmija fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu għajr il-bidliet fir-rata tal-imgħax mingħajr riskju għall-UE, kif stabbilit fl-atti ta' implimentazzjoni adottati skont l-Artikolu 77e(2) tad-Direttiva 2009/138/KE, u fi kwalunkwe każ ma għandux ikun akbar mill-perċentwal ta' żieda jew tnaqqis tal-kundizzjonijiet ta' finanzjament imsemmija fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu.

Artikolu 5

Regoli Kontra l-Abbuż

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jiżguraw li l-bażi tar-remissjoni fuq l-ekwità ma tinkludix l-ammont ta' kwalunkwe żieda li tkun ir-riżultat ta':
 - (a) l-għoti ta' self bejn intrapriżi assoċjati;
 - (b) trasferiment bejn intrapriżi assoċjati ta' parteċipazzjonijiet jew ta' attività ta' negozju bħala negozju avvjat;
 - (c) kontribuzzjoni fi flus minn parti residenti għal finijiet tat-taxxa f'ġuriżdizzjoni li ma tiskambja l-ebda informazzjoni mal-Istat Membru li fih il-kontribwent ifittex li jnaqqas ir-remissjoni fuq l-ekwità.

Dan il-paragrafu ma għandux japplika jekk il-kontribwent jipprovdi biżżejjed evidenza li t-tranżazzjoni rilevanti tkun twettqet għal raġunijiet kummerċjali validi u ma twassalx għal tnaqqis doppju tar-remissjoni definita fuq l-ekwità.

2. Meta żieda fl-ekwità tkun ir-riżultat ta' kontribuzzjoni *in natura* jew investiment f'assi, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jiżguraw li l-valur tal-assi jitqies għall-kalkolu tal-bażi tar-remissjoni biss meta l-assi jkun meħtieġ għall-eżekuzzjoni tal-attività tal-kontribwent li tiġġenera l-introjtu.

Jekk l-assi jkun jikkonsisti f'ishma, dan għandu jitqies skont il-valur kontabilistiku tiegħu.

Jekk l-assi ma jkunx ishma, huwa għandu jitqies skont il-valur tas-suq tiegħu, sakemm ma jkunx ingħata valur differenti minn awditur estern ċertifikat.

3. Meta żieda fl-ekwità tkun ir-riżultat ta' riorganizzazzjoni ta' grupp, din iż-żieda għandha titqies biss għall-kalkolu tal-bażi tar-remissjoni fuq l-ekwità għall-kontribwent f'konformità mal-Artikolu 4, sa fejn ma tirriżultax fil-konverżjoni f'ekwità għdida tal-ekwità (jew parti minnha) li diġà kienet teżisti fil-grupp qabel ir-riorganizzazzjoni.

Artikolu 6

Limitazzjoni għad-Deduzzjoni tal-Imgħax

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kontribwent ikun jista' jnaqqas mill-bażi taxxabbli tiegħu, għal finijiet ta' taxxa korporattiva, kostijiet tas-self eċċessivi kif definit fl-Artikolu 1(2), tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/1164³⁵ sa ammont (a) li jikkorrispondi għal 85 % ta' dawn il-kostijiet imġarrba matul il-perjodu ta' taxxa. Jekk dan l-ammont ikun oġġla mill-ammont (b) iddeterminat f'konformità mal-Artikolu 4 tad-Direttiva (UE) 2016/1164, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kontribwent ikun intitolat li jnaqqas biss l-inqas miż-żewġ ammonti fil-perjodu ta' taxxa. Id-differenza bejn iż-żewġ ammonti (a) u (b) għandha tiġi riportata jew trasferita lura f'konformità mal-Artikolu 4 tad-Direttiva (UE) 2016/1164.
2. Il-paragrafu 1 għandu japplika għall-kostijiet tas-self eċċessivi mġarrba minn [OP *daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva*].

³⁵ Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/1164 tat-12 ta' Lulju 2016 li tistabbilixxi regoli kontra l-prattiki ta' evitar tat-taxxa li jaffettwaw direttament il-funzjonament tas-suq intern (ĠU L 193, 19.7.2016, p. 1).

KAPITOLU III

MONITORAĠĠ U RAPPORTAR

Artikolu 7

Monitoraġġ

Fi żmien tliet xhur mit-tmiem ta' kull perjodu ta' taxxa, kull Stat Membru għandu jikkomunika l-informazzjoni li ġejja lill-Kummissjoni rigward il-perjodu ta' taxxa:

- (a) l-għadd ta' kontribwenti li bbenefikaw mir-remissjoni fuq l-ekwità fil-perjodu ta' taxxa, anke bħala perċentwal tal-għadd totali ta' kontribwenti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva;
- (b) l-għadd ta' SMEs li bbenefikaw mir-remissjoni fil-perjodu ta' taxxa, inkluż bħala perċentwal tal-għadd totali ta' SMEs li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, u l-għadd ta' SMEs li bbenefikaw mir-remissjoni, li huma parti minn gruppi kbar skont it-tifsira tal-Artikolu 3(7) tad-Direttiva 2013/34/UE;
- (c) l-ammont totali tan-nefqa mġarrba jew tad-dħul mit-taxxa mitluf minħabba t-tnaqqis tar-remissjoni fuq l-ekwità allokati għar-remissjoni fuq l-ekwità meta mqabbel mal-prodott domestiku gross nazzjonali tal-Istat Membru;
- (d) l-ammont totali ta' kostijiet tas-self eċċessivi;
- (e) l-ammont totali ta' kostijiet tas-self eċċessivi mhux deduċibbli.;
- (f) l-għadd ta' kontribwenti li għalihom ġew applikati miżuri kontra l-abbuż fil-perjodu ta' taxxa skont din id-Direttiva, inklużi l-konsegwenzi tat-taxxa u s-sanzjonijiet relatati applikati;
- (g) id-*data* dwar l-evoluzzjoni fl-Istat Membru tal-proporzjon ta' dejn/ekwità, skont it-tifsira tal-Anness III, il-partijiet (A) u (C) tad-Direttiva 2013/34/UE.

Artikolu 8

Rapporti

1. Sal-31 ta' Diċembru 2027, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.
2. Meta tfassal ir-rapport, il-Kummissjoni għandha tqis l-informazzjoni komunikata mill-Istati Membri skont l-Artikolu 7.
3. Il-Kummissjoni tippubblika r-rapport fuq is-sit web tagħha.

KAPITOLU IV

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 9

Eżekuzzjoni tad-Delega

1. Is-setgħa ta' adożzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa ta' adożzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 4(5) għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [*OP daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva*].
3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 4(5) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjem id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 4(5) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Kunsill fi żmien xahrejn (2) min-notifika ta' dak l-att lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Kunsill jinforma lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjona. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn (2) fuq inizjattiva tal-Kunsill.

Artikolu 10

Notifika lill-Parlament Ewropew

Il-Parlament Ewropew għandu jiġi informat dwar l-adożzjoni tal-atti delegati mill-Kummissjoni, dwar kwalunkwe oġġezzjoni għalihom, u dwar ir-revoka ta' delega ta' setgħat mill-Kunsill.

Artikolu 11

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard mill-[31 ta' Diċembru 2023], il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-[1 ta' Jannar 2024].

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, huma għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom jakkumpanjaw dawk id-

dispożizzjonijiet b'referenza b'hal din meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri jistgħu jiddifferixxu l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għall-kontribwenti li fl-[1 ta' Jannar 2024] ikunu qed jibbenefikaw minn remissjoni fuq l-ekwità skont id-dritt nazzjonali għal perjodu sa 10 snin, u fl-ebda każ għal perjodu itwal mid-durata tal-benefiċċju skont id-dritt nazzjonali.
3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 12

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 13

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President